**13 ta' Marzu, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.**

Lorenzo Cassar

*versus*

Antonio Muscat

**Azzjoni ta' Jattanza — Pussess — Eċċezzjoni — Art. 404 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex il-azzjoni ta' jattanza tista' tirnexxi huma meħtieġa żewġ elementi fondamentali:*

*(1) il-pussess tal-ħaġa li fuqha ġew millantati xi pretenzjonijiet; u*

*(2) il-millantazzjoni ta' xi jedd skond l-art. 404 tal-Proċedura Ċivili.*

*Eċċezzjoni f'kawża ma tistax tikkostitwixxi il-bażi għall-ġudizzju ta' jattanza.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet li hemm bżonn u mogħtija l-ordnijiet neċessarji; premess li l-konvenut kemm b'ittri u kemm b'eċċezzjonijiet mogħtija f'kawża inferjuri ta' sgumbrament minn biċċa

raba ossija xagħra, wara ittra uffiċjali avanza pretensjonijiet li l-attur mhuwiex enfitewta perpetwu ta' biċċa art imsejħa "il-Bur ta' Żuta" tal-kejl ta' tlitt itmiem soġġetta għal żewġ xelini u erba' soldi (2s. 4d) lejn il-Gvern Ċivili; u premess li l-attur oltri li xtara din l-art b'att tan-Nutar Philip Saliba tas-6 ta' Lulju, 1962 (Dok: A) ġie rikonoxxut mill-Gvern Ċivili b'att tan-Nutar Anthony Attard tas-27 ta' Novembru, 1964 (Dok. B) u hekk iħoss ruħu konfortat doppjament fit-titolu tajjeb tiegħu; u premess li bil-pretenżjonijiet tal-konvenut l-attur iħoss ruħu aggravat u molestat fil-pussess tal-art u l-użu tagħha — talab illi din il-Qorti tipprefiġġi lill-konvenut terminu qasir u perentorju biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu u biex jaġixxi kontra l-attur fuq it-titolu ta' l-art imsemmija u f'difett, l-istess Qorti tordna u tikkundanna l-istess konvenut għall-perpetwu silenzju skond il-liġi, bl-ispejjeż.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-meritu jinsab ċedut; iżda l-attur talab sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjeż.

Li, huwa ta' min jirrileva li l-korrispondenza li għaddiet bejn il-kontendenti dwar il-proprjetà tar-raba' in kwistjoni ik-kulminat bil-kawża li ġiet introdotta mill-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati fil-25 ta' Awwissu, 1964, li ġiet im-ħollija sine die fit-13 ta' Ottubru, 1964.

Li, f'dik il-kawża l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat jisgombra mill-għalqa in kwistjoni peress li hu kien ġie avżat b'ittra uffiċjali debitament notifikata fit-terminu u huwa aċċetta l-konġedu.

Li, l-konvenut f'dik il-kawża eċċeppixxa li huwa qiegħed

jiddetjieni il-fond in kwistjoni bħala proprjetarju, u f'kwalunkwe każ, hu qatt ma kien jikri mingħand l-attur, u per konsegwenza, il-proċedura addottata m'għandhiex valur fil-konfront tiegħu.

Li, in vista tal-kontestazzjoni kif impostata quddiem il-Qorti Inferjuri, il-kawża ma setgħetx timxi 'l quddiem u għalhekk ġiet imħollija sine die sakemm tiġi deċiża l-kwistjoni quddiem dina l-Qorti.

Li, però, l-attur f'dina l-kawża ma talabx li jiġi ddikjarat proprjetarju tar-raba' fil-konfront tal-konvenut, li kien qiegħed jikkontestalu dana t-titolu; fi ftit kliem, ma eżerċitax l-azzjoni rivendikatorja, iżda llimita ruħu għall-azzjoni ta' jattanza.

Ikkunsidrat:

li biex dina l-azzjoni tista' tirnexxi huma meħtieġa żewġ elementi fondamentali:

(1) il-pussess tal-ħaġa li fuqha ġew millantati xi pretenżjonijiet;

(2) u l-millantazzjoni ta' xi jedd skond l-art. 404 tal-Proċedura Ċivili.

OMISSIS;

Li, billi ma rriżultax li l-attur jew l-awtriċi tiegħu kellhom il-pussess leġittimu tar-raba' in kwistjoni, meta istitwew dina l-azzjoni, it-talba kif inhi magħmulha, għall-fini tal-kap ta' l-ispejjeż, mhijiex sostenibbili (V. P.A. Imbroll vs Ellul, 13 ta' Novembru, 1867, konfermata fl-appell fid-29 ta' Ottubru, 1868, Kollex. Vol. I. la, 170, 171; Kollez. Vol. VII, 99; XX, II, 338), għaliex kif jasserixxi Ridolfino, fid-"De Proxi Fidu-

ciaria": "Doceat si vult audiri in judicio, de suo interesse, de sua possessione et de suo jure" *(pt. 3, Cap. 30, Nri. 87, 88)*. Infatti, dana l-insenjament ġie akkolt fil-ġurisprudenza li rriteniet: "Non si deve estendere il diritto di promuovere l'azione di jattanza oltre i limiti prescritti dall'antica gurisprudenza ed accordarlo a chinunque avesse un interesse **sebbene non possessore"**. (P.A. in re Cilia La Corte vs. Cremona, deċiża fl-24 ta' Marzu, 1884).

Ikkunsidrat:

Li, rigward it-tieni rekwiżit, għandu jingħad li l-ġudizzju ta' jattanza għandu jkollu bħala bażi eskluživa l-millantazzjoni u mhux l-eżerċizzju tad-dritt. Għalhekk, billi l-eċċezzjoni f'ġudizzju huwa dritt li jikkompeti lill-konvenut, ma tistax tikkostitwixxi l-bażi għall-ġudizzju ta' jattanza, għaliex huwa notorju li "exceptio est judicialis allegatio reo competens adversus actionem". Li kieku kien diversament, konna naslu għall-assurd li minflok ma jiġu estinti l-liġijiet, dawna jew jiżdiedu mingħajr tarf, jew jikkostringu *lil min hu* konvenut għas-skiet, u dana sostanzjalment "ammonterebbe a togliere indirettamente i diritti alla difesa per liberarsi dai numerosi gudizzji di jattanza giacchè ogni eccezzione in sostanza non è che una difesa". (Kollez. IX. 705; VI, 110).

Li l-konvenut issolleva l-pretenzjoni tiegħu fuq ir-raba' in kwistjoni in via ta' eċċezzjoni fil-kawża li l-attur għamillu biex *jisgumbrah mill-istess raba' li huwa jirritjeni li qiegħed* jippossjedi bis-saħħa tat-testment fuq riferit.

F'dana l-każ, anqas ma jidher li l-azzjoni ta' l-attur hija sostenibbli għaliex kif jafferma l-imsemmi Ridolfino (Allegat. 5 No. 19): "Ut intret rimedium legis Diffamari, requisitur spontanea diffamatio sine causa; secus si fiat ex aliquo jure sue causa excludente praesumptionem Calumniae". Dana l-

prinċipju fforma s-susstrat tal-ġurisprudenza tagħna li ġiet orjentata ġa mill-bidu nett lejn id-definizzjoni "che secondo il significato proprio delle parole (tal-art. 404) fuq ċitata) non si direbbe milantare una pretensione che asserisce di competergli un diritto apparentemente certo perchè fondato sopra un titolo da lui posseduto" (Kollez. IX, 705; XVI, ii, 169, 170; XIX, ii, 132; XXI, i, 533; XXIV, i, 714).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi ma tieħux konjizzjoni tal-meritu għaliex ċedut, u tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-kawża.